DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/940

tal-4 ta' Mejju 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka msemmija fl-Artikolu 635(1) ta' dak il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689.

(2) It-Titolu VIII tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jissupplimenta d-dispożizzjonijiet, u jiffaċilita l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri, min-naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, magħmula fi Strasburgu fl-20 ta' April 1959, il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka, magħmul fi Strasburgu fis-17 ta' Marzu 1978, u t-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka, magħmul fi Strasburgu fit-8 ta' Novembru 2001.

(3) Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali u l-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [4] japplikaw skont it-Trattati.

(4) Skont l-Artikolu 635(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja għandu l-obbligu li jikkommetti li jistabbilixxi formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka billi jadotta anness għal dak il-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 635(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jekk il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi tali formola standard, it-talbiet għal assistenza reċiproka jridu isiru bl-użu ta' dik il-formola standard.

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2.
[2] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
[3] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).
[4] ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1.

(5) Il-formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka ser tiffaċilita l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, min-naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, billi tindika l-informazzjoni kollha meħtieġa li talba jenħtieġ li jkun fiha.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja.

(7) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażi ġuridika sostantiva tagħha.

(8) Id-Danimarka u l-Irlanda huma marbuta bil-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689 u għalhekk qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li timplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' dak il-Kumitat Speċjalizzat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU … TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT STABBILIT PERMEZZ TAL-ARTIKOLU 8(1)(r) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MIN-NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta'…

li tistabbilixxi formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka (2023 [1]**/…)**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR L-INFURZAR TAL-LIĠI U L-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 635(1) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness 50 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li jistabbilixxi formola standard għat-talbiet għal assistenza reċiproka f'materji kriminali kif stipulat fl-Appendiċi ta' din id-Deċiżjoni huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

Il-Kopresidenti

---

[1] Skont ir-Regola 9(2) tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, is-Segretarjat għandu jirreġistra kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni b'numru tas-serje u b'referenza għad-data tal-adozzjoni tagħha.

Appendiċi

ANNESS 50 għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

TALBA GĦAL ASSISTENZA REĊIPROKA F'MATERJI KRIMINALI

Din il-formola għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti li għalihom tapplika skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

L-informazzjoni pprovduta trid tkun rilevanti u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi eżegwita din it-talba, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-protezzjoni tad-*data*.

TAQSIMA A

Referenza tal-Każ: .....

Stat Rikjedenti: .....

Awtorità Rikjedenti: .....

Stat Rikjest: .....

Awtorità Li Ssirilha t-Talba (jekk magħrufa): .....

TAQSIMA B: Urġenza

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx xi urġenza minħabba:

☐ Evidenza li tinħeba jew tinqered

☐ Data tal-proċess imminenti

☐ Persuna f'kustodja

☐ Perjodu ta' preskrizzjoni li jkun se jiskadi

☐ Kwalunkwe raġuni oħra

Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt:

.....

Il-limiti ta' żmien għall-eżekuzzjoni tat-talba huma stabbiliti fl-Artikolu 640 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Madankollu, jekk din it-talba tkun urġenti u/jew teħtieġ azzjoni sa/f'data speċifika, jekk jogħġbok speċifika u spjega r-raġuni għal dan: .....

.....

TAQSIMA C: Kunfidenzjalità

☐ Din it-talba hija kunfidenzjali

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni addizzjonali fejn rilevanti: .....

.....

TAQSIMA D: Relazzjoni ma' talba għal assistenza preċedenti jew simultanja

Jekk jogħġbok identifika kwalunkwe azzjoni meħuda f'dawn il-proċedimenti jew f'dawk relatati biex din l-evidenza tiġi mfittxija permezz ta' mezzi oħra, fejn applikabbli. Jekk jogħġbok indika jekk din it-talba għal assistenza reċiproka tissupplimentax talba/talbiet għal assistenza preċedenti jew kwalunkwe talba għal assistenza simultanja lill-Istat Rikjest u, jekk rilevanti, lil Stat ieħor.

☐ Impenn preċedenti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, prosekuturi jew awtoritajiet oħra

Ipprovdi dettalji ta' kwalunkwe kuntatt minn qabel mill-Istat rikjedenti inkluż l-isem tal-Istat, l-awtorità kkuntattjata, id-dettalji ta' kuntatt rilevanti u kwalunkwe numru ta' referenza tal-każ: .....

.....

.....

□ Talba preċedenti relatata jew simultanja għal assistenza reċiproka jew Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

Ipprovdi informazzjoni rilevanti biex tidentifika t-talbiet l-oħra inkluż l-isem tal-Istat, l-awtorità li t-talba ġiet trażmessa lilha, id-data tat-talba, u n-numri ta' referenza mogħtija mill-awtoritajiet rikjedenti u li ssirilhom it-talba:. .....

.....

.....

□ Oħra

Jekk rilevanti, ipprovdi informazzjoni relatata ma' din it-talba l-oħra għal assistenza: .....

.....

.....

TAQSIMA E: Raġuni tat-talba

1. Klassifikazzjoni tar-reat(i)

Biex jiġi żgurat li din it-talba tintbagħat lis-sede xierqa, x'inhi n-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i) li għalih(om) issir it-talba: .....

.....

.....

Jekk jogħġbok ipprovdi l-piena massima, it-termini preskrittivi u jekk applikabbli, it-test tad-dispożizzjoni/kodiċi statutorja inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-pieni:

.....

.....

2. Espożizzjoni fil-qosor tal-fatti

Deskrizzjoni tal-imġiba li wasslet għar-reat(i) li fir-rigward tiegħu qiegħda tintalab l-assistenza u sommarju tal-fatti sottostanti: .....

.....

.....

Għan-notifika tad-dokumenti proċedurali u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, jekk jogħġbok ipprovdi sommarju qasir tad-dokument(i) u/jew tad-deċiżjoni(jiet) li għandhom jiġu nnotifikati, jekk dan ma jkunx disponibbli bil-lingwa tal-Istat rikjest: .....

.....

Għal talbiet oħra, jekk jogħġbok iddeskrivi kif l-evidenza/miżura li qed tfittex li tikseb tista' tgħin fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reat(i): .....

.....

Stadju tal-investigazzjoni/proċedimenti:

□ investigazzjoni

□ prosekuzzjoni

□ proċess

□ ieħor, speċifika: .....

.....

.....

Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-kisba ta' din l-evidenza, jekk applikabbli: .....

.....

.....

Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat rikjedenti jqis utli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni fl-eżekuzzjoni tat-talba għal assistenza, jekk applikabbli: .....

.....

.....

3. Dan ir-reat huwa Reat ta' Sewqan imsemmi fl-Artikolu 640(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni:

□ Iva

□ Le

4. Tipi ta' proċedimenti li t-talba qiegħda tinħareġ għalihom:

□ proċedimenti fir-rigward ta' reati li l-piena tagħhom, fil-mument tat-talba għall-assistenza, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat rikjedenti

□ proċedimenti mressqa mill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat rikjedenti jew rikjest billi huma ksur tar-regoli tal-liġi, meta d-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġuriżdizzjoni b'mod partikolari f'materji kriminali.

TAQSIMA F: L-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati

Jekk jogħġbok ipprovdi biss informazzjoni li hija rilevanti u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal din it-talba. Jekk aktar minn persuna waħda hija kkonċernata, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni għal kull persuna.

1. Agħti l-informazzjoni kollha, sa fejn tkun magħrufa, dwar l-identità tal-persuna/i kkonċernata/i mill-miżura:

(i) Fil-każ ta' persuna/i fiżika/fiżiċi

Kunjom: .....

Isem/ismijiet: .....

Isem/ismijiet rilevanti ieħor/oħra, jekk applikabbli: .....

Psewdonimi, jekk applikabbli: .....

Sess: .....

Nazzjonalità: .....

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali: .....

Tip u numru tad-dokument(i) tal-identità (karta tal-identità, passaport), jekk disponibbli:

.....

Data tat-twelid: .....

Post tat-twelid: .....

Residenza u/jew indirizz magħruf; jekk l-indirizz mhux magħruf, agħti l-aħħar indirizz magħruf:

.....

Post tax-xogħol (inklużi d-dettalji ta' kuntatt): .....

Dettalji oħra ta' kuntatt (email, nru tat-telefown): .....

Lingwa/i li l-persuna tifhem: .....

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-pożizzjoni li l-persuna kkonċernata għandha fil-proċedimenti:

□ Persuna suspettata jew akkużata

□ Vittma

☐ Xhud

☐ Espert

☐ Parti Terza

☐ Oħra (Jekk jogħġbok speċifika): .....

(ii) Fil-każ ta' persuna/i ġuridika/ġuridiċi

Isem: .....

Għamla ta' persuna ġuridika: .....

Isem imqassar, isem ta' użu komuni jew isem kummerċjali, jekk applikabbli:

.....

Sede/uffiċċju reġistrat(a): .....

Numru tar-reġistrazzjoni: .....

Indirizz tal-persuna ġuridika: .....

Dettalji oħra ta' kuntatt (email, nru tat-telefown): .....

Isem ir-rappreżentant tal-persuna ġuridika: .....

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-pożizzjoni li l-persuna kkonċernata għandha fil-proċedimenti:

☐ Persuna suspettata jew akkużata

☐ Vittma

☐ Xhud

☐ Espert

☐ Parti Terza

☐ Oħra (Jekk jogħġbok speċifika): .....

2. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti:

.....

.....

TAQSIMA G: Miżura rikjesta

1. Jekk jogħġbok speċifika l-miżura rikjesta:

☐ Perkwiżizzjoni u sekwestru (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H1)

☐ Forniment ta' dokumenti u/jew rekords tal-operat

☐ Forniment ta' materjal b'rabta mal-banek jew informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H2)

☐ Notifika ta' dokumenti proċedurali u deċiżjonijiet ġudizzjarji bl-assistenza tal-Istat rikjest

☐ Ksib ta' informazzjoni jew evidenza li tkun diġà fil-pussess tal-Istat rikjest

☐ Ksib ta' informazzjoni li tinsab fil-bażijiet tad-*data* miżmuma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji

☐ Dikjarazzjonijiet u Smigħ (Jekk din tiġi mmarkata, iridu jimtlew it-Taqsima F (L-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati) u t-Taqsima I (Formalitajiet u proċeduri mitluba għall-eżekuzzjoni):

- ☐ xhud
- ☐ espert
- ☐ persuna suspettata jew akkużata
- ☐ vittma
- ☐ parti terza

☐ Smigħ b'vidjokonferenza, konferenza telefonika jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra. (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H4):

- ☐ xhud
- ☐ espert
- ☐ persuna suspettata jew akkużata
- ☐ vittma
- ☐ parti terza

☐ Ksib ta' *data* dwar l-abbonat/l-entità (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H3)

☐ Ksib ta' *data* dwar it-traffiku/l-eventi (inkluża dwar il-lokalizzazzjoni) (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H3)

☐ Ksib ta' *data* dwar il-kontenut (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H3)

☐ Miżura investigattiva li timplika l-ġbir ta' evidenza fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perjodu ta' żmien:

- ☐ monitoraġġ ta' operazzjonijiet bankarji jew finanzjarji oħra
- ☐ konsenji kkontrollati
- ☐ oħra (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

☐ Miżura/i proviżorja/i għall-fini tal-preservazzjoni tal-evidenza, ta' żamma ta' sitwazzjoni eżistenti jew ta' protezzjoni ta' interessi legali fil-periklu (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H5)

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat rikjedenti (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H6)

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat rikjest (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H6)

☐ Investigazzjoni sigrieta (Jekk din tiġi mmarkata, trid timtela t-taqsima H7)

☐ Oħra (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

.....

.....

2. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-assistenza meħtieġa, u, jekk magħrufa, il-postijiet fejn tinsab/huwa maħsub li tinsab l-evidenza u kwalunkwe informazzjoni neċessarja li hemm bżonn biex titwettaq din il-miżura. Biex titlob li tiġi osservata kwalunkwe formalità jew proċedura, jekk jogħġbok ara t-taqsima I: .....

.....

.....

.....

TAQSIMA H: Rekwiżiti addizzjonali għal ċerti miżuri

Imla t-taqsimiet rilevanti għall-miżura/i investigattiva/i rikjesta/i:

TAQSIMA H1: Perkwiżizzjoni u sekwestru

Persuna fiżika jew ġuridika marbuta mal-perkwiżizzjoni. Jekk aktar minn waħda, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji għal kull waħda:

.....

.....

Bini li għandha ssir il-perkwiżizzjoni tiegħu. Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji dwar kif il-persuna hija kkollegata mal-bini. Jekk aktar minn waħda, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni għal kull waħda: .....

.....

.....

Liema evidenza qiegħda tiġi mfittxija? Identifika l-materjal li trid tipperkwiżixxi f'kemm jista' jkun dettall: .....

.....

.....

Għaliex temmen li l-evidenza x'aktarx li tinsab fil-post imsemmi hawn fuq u li hija rilevanti u ta' valur sostanzjali għall-investigazzjoni: .....

.....

.....

Hemm xi riskju li jinstab materjal privileġġat? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

.....

Se jkun meħtieġ li xi uffiċjali tal-Istat rikjedenti jkunu preżenti waqt il-perkwiżizzjoni? (Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima I):

☐ Iva

☐ Le

Kwalunkwe informazzjoni magħrufa relatata ma' investigazzjonijiet fi stati oħra li jista' jkollha impatt fuq din it-talba ta' perkwiżizzjoni u sekwestru: .....

.....

.....

Jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mal-perkwiżizzjoni u s-sekwestru:

.....

TAQSIMA H2: Għoti ta' informazzjoni dwar kontijiet bankarji jew kontijiet finanzjarji oħra

Jekk aktar minn kont wieħed huwa kkonċernat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni għal kull kont.

Jekk jogħġbok speċifika liema informazzjoni qiegħda tintalab:

☐ Informazzjoni dwar kontijiet bankarji li għandha l-persuna jew li għandha l-prokura fir-rigward tagħhom

☐ Informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji oħra li għandha l-persuna jew li għandha l-prokura fir-rigward tagħhom

☐ Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji:

- ☐ Rendikonti tal-Bank
- ☐ Dokumentazzjoni tal-ftuħ ta' kontijiet bankarji
- ☐ Prokura jew intestatarju addizzjonali tal-kont bankarju
- ☐ Oħra (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

□ Informazzjoni dwar operazzjonijiet finanzjarji oħra:

- □ Rendikonti tal-Kontijiet Bankarji
- □ Dokumentazzjoni tal-ftuħ ta' kontijiet bankarji
- □ Prokura jew intestatarju addizzjonali tal-kont bankarju
- □ Oħra (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

Jekk disponibbli, jekk jogħġbok ipprovdi:

Isem id-Detentur tal-Kont: .....

Isem il-bank/istituzzjoni finanzjarja: .....

L-IBAN jew in-Numru tal-Kont u l-Kodiċi li jidentifika l-Bank: .....

Skala ta' Żmien għat-tranżazzjonijiet: .....

□ Oħrajn (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

Jekk jogħġbok ipprovdi ġustifikazzjoni addizzjonali għaliex din l-evidenza x'aktarx li tkun rilevanti u ta' valur sostanzjali għall-investigazzjoni, inkluża r-rabta tal-kont mar-reat imwettaq: .....

.....

.....

Jekk meħtieġ, jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li x'aktarx tkun meħtieġa biex tiġi eżegwita din it-talba: .....

.....

TAQSIMA H3: *Data* dwar l-abbonat, it-traffiku, il-lokalizzazzjoni u l-kontenut

Tip ta' *data* mitluba:

- □ *Data* dwar l-abbonat/l-entità (pereż. abbonament għal numru tat-telefown jew indirizz IP), speċifika: .....

.....

- □ *Data* dwar it-traffiku/l-eventi, speċifika: .....
- □ *Data* ta' lokalizzazzjoni, speċifika: .....
- □ *Data* dwar il-kontenut (pereż. dump tal-web/kaxxa tal-posta elettronika jew log tal-messaġġi, snapshot), speċifika: .....

.....

- □ Oħra, speċifika: .....

It-talbiet kollha għal *data* dwar l-abbonat, it-traffiku jew il-lokalizzazzjoni, u l-kontenut jirrikjedu l-informazzjoni segwenti:

- □ Data (JJ/XX/SSSS): .....
- □ Kronogramma (ss:mm:ss): .....
- □ Żona tal-Ħin: .....

Ipprovdi dettalji ulterjuri biex tgħin fl-identifikazzjoni tad-*data* rikjesta:

- □ Indirizz IP (u n-Numru tal-port jekk applikabbli): .....
- □ Numru/i tat-telefown: .....
- □ Numru/i IMEI: .....
- □ Oħrajn (Jekk jogħġbok speċifika): .....

TAQSIMA H4: Vidjokonferenza jew konferenza telefonika jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra

Jekk huwa rikjest smigħ b'vidjokonferenza jew konferenza telefonika jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra:

Jekk jogħġbok indika l-isem tal-awtorità li se tmexxi s-smigħ (jekk jogħġbok inkludi l-isem tal-persuna li se tmexxi s-smigħ/id-dettalji ta' kuntatt/il-lingwa meta disponibbli): .....

.....

Data/i proposta/i (JJ/XX/SSSS): .....

Ħin tal-bidu tal-konferenza (ss:mm:ss): .....

Żona tal-ħin: .....

Tul approssimattiv tas-smigħ: .....

Dettalji tekniċi:

Isem is-sit: .....

Sistema ta' komunikazzjoni: .....

Kuntatti tat-tekniku (lingwa): .....

Data u ħin tal-prova qabel: .....

Dettalji ta' kuntatt għall-operatur tal-prova ta' qabel jekk magħruf: .....

L-arranġamenti lingwistiċi u ta' interpretazzjoni: .....

Kwalunkwe rekwiżit ieħor (Jekk jogħġbok speċifika jekk għażilt din): .....

.....

.....

.....

☐ Din it-talba tikkonċerna persuna akkużata jew il-persuna suspettata u s-smigħ huwa l-proċess ta' din il-persuna, jew jifforma parti minnu

Raġuni(jiet) għaliex mhuwiex mixtieq jew possibbli għax-xhud jew l-espert li jattendi fiżikament:

.....

Jekk jogħġbok speċifika jekk l-individwu, il-persuna suspettata jew akkużata tawx il-kunsens tagħhom:

☐ Iva

☐ Le

☐ Nitlob li jintalab il-kunsens tal-persuna qabel ma din it-talba tipproċedi

TAQSIMA H5: Miżuri proviżorji

Jekk tintalab miżura proviżorja għall-fini tal-preservazzjoni tal-evidenza, ta' żamma ta' sitwazzjoni eżistenti jew ta' protezzjoni ta' interessi legali fil-periklu, jekk jogħġbok indika jekk:

☐ l-oġġett għandux jiġi ttrasferit lill-Istat rikjedenti

☐ l-oġġett għandux jibqa' fl-Istat rikjest; jekk jogħġbok indika data stmata:

għat-tneħħija tal-miżura proviżorja: .....

għall-preżentazzjoni ta' talba sussegwenti rigward l-oġġett:: .....

TAQSIMA H6: Trasferiment ta' persuna miżmuma f'kustodja

(1) Jekk qiegħed jiġi rikjest trasferiment temporanju lejn l-Istat rikjedenti ta' persuna miżmuma f'kustodja għall-fini tal-investigazzjoni, jekk jogħġbok indika jekk il-persuna tatx il-kunsens tagħha għal din il-miżura:

☐ Le ☐ Nitlob li jintalab il-kunsens tal-persuna ☐ Iva

(2) Jekk qiegħed jiġi rikjest trasferiment temporanju lejn l-Istat rikjest ta' persuna miżmuma f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni, jekk jogħġbok indika jekk il-persuna tatx il-kunsens tagħha għal din il-miżura:

☐Iva ☐ Le

Jekk meħtieġ, jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali: .....

TAQSIMA H7: Investigazzjonijiet Sigrieti

Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għaliex tqis li l-miżura investigattiva sigrieta hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali:

.....

.....

.....

Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni segwenti:

(a) Informazzjoni għall-fini li jiġi identifikat is-soġġett tal-investigazzjoni sigrieta: .....

(b) Id-data mixtieqa tal-bidu tal-miżura sigrieta u t-tul ta' żmien tagħha: .....

(c) Dettalji tal-vetturi/indirizz tal-miżura sigrieta: .....

(d) Jekk meħtieġ, jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rilevanti għall-eżekuzzjoni ta' din it-talba:

.....

.....

TAQSIMA I: Formalitajiet u proċeduri mitluba għall-eżekuzzjoni

1. Immarka u imla, jekk applikabbli

☐ Huwa mitlub li l-awtorità rilevanti/kompetenti tal-Istat rikjest tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri segwenti (inkluż kwalunkwe dritt/prekawzjoni/twissija li huwa meħtieġ li jiġu kkomunikati lill-persuna): .....

.....

2. Immarka u imla, jekk applikabbli

□ Huwa mitlub li uffiċjal wieħed jew diversi uffiċjali tal-Istat rikjedenti jkunu preżenti matul l-eżekuzzjoni tat-talba b'appoġġ għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjedenti.

Isem, titolu tal-impjieg u dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali:

.....

.....

Il-lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni, jekk differenti mil-lingwa indikata fit-taqsima J: .....

.....

In-natura tal-assistenza li għandha tingħata mill-uffiċjal(i) tal-Istat rikjedenti, u/jew kwalunkwe dettall ulterjuri rilevanti:

.....

.....

3. Trażmissjoni sigura ta' informazzjoni u/jew evidenza

Jekk jogħġbok speċifika rotta ta' trażmissjoni elettronika sigura, f'każ li tiġi aċċettata t-trażmissjoni elettronika:

.....

.....

Jekk it-trażmissjoni elettronika ma tiġix aċċettata jew ma tkunx xierqa f'dan il-każ, jekk jogħġbok indika l-metodu ta' trażmissjoni rikjest: .....

.....

TAQSIMA J: Dettalji tal-awtorità li ħarġet it-talba

1. Isem l-awtorità li ħarġet it-talba: .....

Isem ir-rappreżentant/il-punt ta' kuntatt: .....

Indirizz: .....

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

Email: .....

2. Jekk differenti minn dan ta' hawn fuq, isem l-awtorità li tmexxi l-investigazzjoni kriminali:

.....

Isem u titolu ta' uffiċjal li qiegħed iwettaq l-investigazzjoni kriminali: .....

.....

Indirizz: .....

Numru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .....

Email: .....

3. Lingwi li bihom huwa possibbli li ssir komunikazzjoni mal-awtorità rikjedenti:

.....

4. Jekk differenti minn dawk ta' hawn fuq, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i li wieħed għandu jikkuntattja għal informazzjoni addizzjonali jew biex isiru l-arranġamenti prattiċi għat-trasferiment tal-evidenza:

Isem/Titolu/Organizzazzjoni: .....

Indirizz: .....

Email: .....

Nru tat-Telefown ta' Kuntatt: .....

TAQSIMA K: Firma

Billi niffirma din il-formola, niċċertifika li:

— il-kontenut tat-talba kif stabbilit f'din il-formola huwa preċiż u korrett,

— din it-talba nħarġet minn awtorità kompetenti,

— il-ħruġ ta' din it-talba huwa meħtieġ għall-fini tal-proċedimenti, u

— il-miżuri investigattivi rikjesti setgħu ġew ordnati taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ domestiku simili, u meta applikabbli nkisbet l-awtorizzazzjoni neċessarja.

Firma tal-awtorità rikjedenti u/jew tar-rappreżentant tagħha:

Isem: .....

Kariga okkupata: .....

Data: .....

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli):

Lista ta' hemżiet (jekk applikabbli): .....

.....